MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 266/2011

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**John Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn it-tmienja (8) ta' Novembru, 2009 u t-tnejn (2) ta' Novembru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jagħti lil Carmela Xerri u/jew lil uliedhom is-somma fil-gimgħa ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt

bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dik li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati u kkundannatu għal xahrejn priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2011, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqu dik ta' xahrejn prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed jissottometti illi l-akkuza hija preskritta ai termini tal-liġi. L-allegat reat sar f'Novembru, 2009 u dan l-allegat reat baqa` għaddej sa Novembru, 2010. Illi għadda ħafna żmien minn meta l-kwerelant istitwixxiet proċeduri kriminali kontra l-esponenti. Kienu għaddew diversi xhur minn Novembru, 2009 meta intavolat ir-rapport b'hekk għaddew aktar minn sitt xhur. Di fatti l-ewwel dehra kienet fl-11 ta' Frar, 2011 u l-akkużi inħarġu fis-27 ta' Jannar, 2011 u għalhekk parti mit-talba għall-ħlas ta' manteniment huwa preskritt ai termini tal-Ligi.

2. Fit-tieni lok kien ġie ppreżentat kuntratt ta' separazzjoni li l-esponenti ikkontesta l-awtentiċita' tiegħu u dan minħabba l-fatt illi l-kuntratt in partikolari kien awtentikat mill-Avukat Dr. Lorraine Schembri Orland dak il-ħin fil-Qorti meta l-istess kuntratt ta'separazzjoni huwa fotokopja ta'oriġinali u huwa awtentikat (dejjem kopja) minn nutar u l-anqas ma hemm il-firma tal-Onorabbli Imhallef fuq il-ġenb tal-kuntratt ta'separzzjoni fejn qieghed jigi appruvat u ghalhekk qieghed jerga jintalab l-isfilz ta' dan il-kuntratt ta' separazzjoni stante li quddiem il-Qorti Kriminali trid tinġieb l-aħjar prova u l-aħjar prova f' dan il-każ hija mankanti għal kollox.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti ibati minn mard serju u kważi tilef il-vizta minħabba d-diabete li ħakmitu serjament. Illi minħabba l-fatt illi nġieb bil-mandat ta’skorta l-esponenti ma kellux l-opportunita` li jippreżenta certifikati mediċi li juri l-istat ħażin ta’saħħtu. Ukoll l-esponenti qieghed fi stat finanzjarju ħażin billi l-banek qabdulu l-propjetajiet kollha u bħala fatt qiegħed jgħix mat-tifla tiegħu ġewwa flat maqbud mill-bank pero li hemm kuntratt ta’ kera u għalhekk ghadu f’dan il-flat. Illi għalhekk abbazi ta’ Nemo tenetur ad impossibilia apparti li l-esponenti ġie negat id-dritt li jippreżenta dokumenti sabiex jissostanzja dak li qiegħed jallega, illi huwa fi stat finanzjarju ħazin ħafna tant li ma jistax jonera l-obbligi tal-kuntratt u l-istat ta’ saħħtu ma tippermettihx jaħdem. Ukoll l-esponenti beda proċeduri il-Qorti sabiex inaqqas ossia jikkanċella l-ammont li kien miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni u ma setax jippreżenta din il-prova għax inġieb bil-mandat matul il-lejl.

Ikkunsidrat,

Skont it-taħrika, l-imputat naqas li jagħti l-manteniment bejn it-8 ta’ Novembru 2009 u t-2 ta’ Novembru 2010. Ir-rapport dwar in-nuqqas tal-ħlas tal-manteniment kien sar fl-10 ta’ Diċembru 2010. L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ipprovdiet dwar dan fil-verbal tal-1 ta’ Ġunju 2011 (fol 9) fejn qalet hekk:

‘Il-Qorti, wara li rat ir-referta tal-imputat esibita fl-atti, peress li r-reat huwa wieħed kontinwat u peress li ukoll ma għaddewx is-sitt xhur terminu ta’ preskrizzjoni mil-liġi, tiċħad l-eċċezzjoni tad-difiża.’

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Onroabbli Qorti rreferiet għal dan il-vrbal (ara fol 36).

A fol 4 tidher in-notifika li tqassmet fit-28 ta’ Frar 2011. Peress li dan huwa reat kontiwat, ai termini tal-artikolu 691, il-preskirzzjoni tibda tgħaddi mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-artikolu. Fiċ-ċitazzjoni l-aħħar jum tal-ksur huwa t-2 ta’ Novembru 2010. Il-preskrizzjoni indikata għal din il-

kontravenzjoni hija ta' sitt xhur. Bejn it-2 ta' Novemru, 2010 u t-28 ta' Frar 2011 kienu għaddew għaddew tliet xhur u ħamsa u għoxrin jum. Isegwi li ma kinux għaddew is-sitt xhur ikkontemplati fil-Liġi. Għaldaqstant, l-azzjoni mhix preskritta u l-Qorti qed tiċħad dan l-Ewwel aggravju u qed tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li l-perjodu kollu huwa kopert.

It-tieni aggravju huwa dwar il-kuntratt ta' separazzjoni li kien ippreżentat. Il-fatt li kienet ippreżentata fotokopja tal-oriġinal ma jnaqqas xejn mill-ammissibilita' ta' dan id-dokument. Filfatt waqt li kien qed jixhed l-appellant f'ebda mument ma qal li mhux veru li huwa marbut li għandu jħallas il-manteniment lil martu jew li d-dokument mhux ġenwin. Il-kopja ppreżentata fiha r-referenzi kollha bin-numri tal-inswina, bit-titolu tiegħu, isem in-nutar, id-data ta' meta kien redatt, u bid-data ta' meta l-kuntratt kien insinwat. Għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita li dan il-kuntratt huwa dak li jorbot lill-appellant biex jagħti l-manteniment. Għalhekk qed tiċħad it-talba għall-isfilz ta' dan id-dokument kif ukoll it-tieni aggravju.

It-tielet aggravju huwa dwar l-istat ta' saħħa u tal-mezzi finanzjarji tal-appellant. Il-Qorti sehmet dawn ix-xhieda:

(a) Carmela Scerri li qalet li hija kienet ilha ma tieħu manteniment sentejn u nofs. Dan jammonta għal sebgħin lira Maltija fil-ġimgħa. (Ara klawsola 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni). Is-sentejn mingħajr manteniment għalqithom jew f'Ottubru jew Diċembru. Hi kellha l-karti għad-dispożizzjoni tagħha u setgħet tiċċekkja. Bħal issa qed tgħix bir-relief. Fil-kontro-eżami hija qale tli l-aħħar darba li kien marret taħsillu d-dar kien fil-ġimgħa meta ma tahiex manteniment. Hija nsistiet li kien hemm flus. L-appellant kien marbut li jagħtiha somma.

(b) L-appellant innifsu li qal illi kieku baqa' jaqla' l-flujs bħal qabel huwa kien jonora l-kuntratt. Huwa kien bagħatha għall-operazzjonijiet u ta karozzi, arloġġi u kollox. Issa ma kienx qed jaħdem u jara biss żewġ metri 'l

bogħod. Issa hwua kien fetaħ kawża kontra l-mara li għadha ma kinitx notifikata.

(ċ) Donna Debono li hi bint l-appellant. Din qalet li missierha qed jgħid magħha. Riċentement kellu żewġ strokes u ħarġulu żewġ kataretti. Meta l-ġenituri sseparaw, ommha ma baqgħetx tmur tara lil żewġha. Missierha għamel xi żmien iħallas mantentiment. Imbagħad bdiet hi stess issellef flus lil missierha. Bħal issa l-appelalnt għandu dejn qawwi.

Ikkonsidrat

Li prattikament it-tielet aggravju huwa l-aggravju prinċipali tal-appellant. Saħansitra huwa ppreżenta nota li fiha esibixxa s-sentenza 'Il-Pulizija kontra Gaetano Vella' mogħtija mill-Imħallef Dr Joe Galea Debono. Is-sottomissjoni tad-difiża hija li 'ad impossibilia nemo tenetur' u in sostenn ta' dan irrefera għas-sentenza esibita.

Bir-rispett kollu, il-fatti fis-sentenza esibita huma għal kollox differenti minn dawk ta' llum. F'dan il-każ għandna rabta ċara li għandu jitħallas ċerta manteniment u dan a bażi ta' kuntratt. Is-sitwazzjoni tal-lum mhix is-sitwazzjoni tal-każ 'Il-Pulizija kontra Gaetano Vella' fejn l-appellant kien ikkundannat iħallas somma li ma setax għax kien qed jgħix bir-relief. Il-kuntratt fil-każ tal-lum juri saħasitra firxa ta' proprjetajiet. Għaldaqstant l-insenjamet tal-każ ċitat mhux applikabbli.

Iżda huwa inutli li wieħed jirreferi għal din is-sentenza meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ħarġet b'sentenza motivata bil-qawwi dwar il-punt 'Nemo ad impossibilia tenetur'.

Mhux biss ikkwotat id-dispożizzjoni tal-artikolu 338(z) kollha kemm hi u stabbiliet li l-elementi ta' dan l-artikolu kienu soddisfatti mill-Prosekuzzjoni ( ordni tal-Qorti jew kuntratt u naqqas ta' ħlas fit-terminu premfiss) iżda l-Qorti għamlet rassenja interessanti ħafna dwar x'għandu wieħed jagħmel meta jkun hemm ordni ta' qorti jew

kuntratt li jorbot lil xi ħadd jagħti manteniment u hu jibda jallega li mhux qiegħed f'pożizzjoni li jagħmel dan. Fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hemm referenzi għal dawn is-sentenzi: 'Il-Pulizija versus Louis Grixti' tas-7 ta' Jannar 2010', Il-Pulizija vs Kang Sell (28 ta' Lulju 1994), 'Il-Pulizija versus Carmel Borg' (19 t'Ottubru, 2009), 'Il-Pulizija vs Lawrence Mifsud' (15 t'Ottubru 2009) u il-Pulziija vs Nicholas Azzopardi (30 t'April, 2009).

Dawn huma kollha sentenzi li jitfgħu dawl fuq il-punt ta' meta wieħed ikollu diffikolta' jimxi mal-obbligi mposti b'digriet tal-Qorti jew b'kuntratt. Il-Qorti qed tirreferi b'mod speċjali għall-kliem li jidher a fol 5 tas-sentenza u qed tirroproduċieh:

***'il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digiret tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili.......Ir-rimedju li għandu u li kellu jieħu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorit Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment.'***

**U dawn il-proċeduri għandhom jinbdew mal-ewwel u mhux wieħed jistenna li jittieħdu passi kriminali u imbagħad jibda jiċċaqlaq.**

Il-Qorti hija soddisfatta li l-manteniment ma tħallasx għall-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni u li l-appellant kien obbligat li jħallas tali manteniment. Mhix taċċetta wkoll li fil-każ ta' llum jgħodd il-prinċipju 'Nemo ad impossibilia tenetur.'

L-ewwel Onorabbli Qorti wkoll immotivat tajjeb ħafna l-piena li tat f'żewġ paragrafi estensivi.

Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha f'dan l-appell. Li ser tagħmel huwa li timmodifika l-piena.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs John Debono'

kif ġej: qed tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni magħmul kontrih u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għal xahrejn priġunerija u minflok qed tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9 billi tikkundanna lill-appellant għal xahrejn priġunerija li għandhom pero' jibqgħu sospiżi għal sena. Il-Qorti spjegat lill-appellant l-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------